

# PROGRAMM

## FESTA MSIDA 1981

# PROGRAMM

**IL-HAMIS, 9 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għat-tqaddis tal-Festa.***

9.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni organiżżata mill-Azzjoni Kattolika biex jinkiseb il-veru ġid spiritwali mill-festa ta' din is-sena.

**IL-ĠIMGHA, 10 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-inkapaċitati kollha.***

6.30 p.m. Quddiesa Soċjali minnMons. Mikiel Azzopardi, Direttur tad-Djar Villa Mons. Gonzi u Villa Papa Ġwanni, li jitkellem dwar "Il-ħidma tal-Knisja għall-morda u inkapaċitati ma' tul iż-żminijiet f'Malta u fid-dinja". Illum, fil-quddies kollu, issir ĠABRA SPEĊJALI li tingħata lid-Djar imsemmija.

**IS-SIBT, 11 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Benefatturi Ħajjin.***

6.30 p.m. Inawgurazzjoni u tberik tal-Opri Ġodda mżanżna din is-sena u quddiesa soċjali mill-Kappillan.

**IL-HADD, 12 TA' LULJU:** **JUM L-IMSIDA**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-għaqdiet tal-Appostolat.***

Fil-quddies kollu ssir Omelija dwar it-tqaddis tal-Festa.

9.00 a.m. Quddiesa soċjali bis-sehem sħiħ tal-membri tal-Għaqdiet.

6.00 p.m. Quddiesa Solenni mill-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija. Ikanta l-Kor Parrokkjali.

7.00 p.m. Ħruġ Solenni tal-istatwa devota ta' San Ġużepp min-niċċa.

**IT-TNEJN, 13 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Misidjani mejtin.***

6.30 p.m. Quddiesa Solenni bil-mużika għar-ruħ il-Misidjani mejtin.

**IT-TLIETA, 14 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Vokazzjonijiet.***

6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata li fiha ssir is-XVI il-Vestizzjoni ta' l-Abbatini li jagħmlu servizz liturġiku fil-Parroċċa. Iqaddes Dun Frans Bonnici, Direttur Djoċesan tal-Vokazzjonijiet, Dun Alwiġ Deguara, Direttur Djoċesan tal-Abbatini u Dun Ġużepp Mifsud, Direttur Parrokkjali. Ikanta l-Kor tal-Abbatini tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni tal-Hamrun immexxi minn Dun Viċenz Cachia.

**L-ERBGHA, 15 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għat-Tisħiħ ta' Relazzjonijiet Industrijali mill-Aħjar bejn il-Ħaddiema u min Iħaddem.***


SER TIŻŻEWWEĠ,
JEW
GHANDEK XI OKKAŻJONI?

*Mela asal wasla sal-*

**MERLIN Car Hire**

**MOUNTBATTEN STREET
BLATA 'L BAJDA**

Fejn Joffrulek Servizzi
mill-Aħjar

*Tel: 23131 — 625838*

confirmed

**HOTEL DELPHINA**

Dragonara Road, St. Julian's

Tel. 35621/2, 513356

***Well stocked Bar
And Restaurant,
Open To Non-Residents***

confirmed

**Specialising In Italian Dishes**

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata bl-Omelija mill-W.R. Patri Alfons Sammut, O.F.M. Conv., Kappillan ta' Burmarrad. Kurunella, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

**IL-HAMIS, 16 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Qdusija tal-Kleru u tar-Reliġjużi.***

6.30 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel.

8.00 p.m. Marċ mill-Banda S. Mikiel ta' Ħaż-Żabbar li jibda' minn ħdejn l-Għajn tal-Hasselin u jgħaddi minn dawn it-toroq: Trejqa tal-Wied, Garżin, il-Wied, Kunċizzjoni, u jispiċċa quddiem il-knisja.

**IL-ĠIMGHA, 17 TA' LULJU:**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Morda Misidjani fid-djar u fl-isptar.***

6.30 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel.

F'din il-funzjoni, jieħdu sehem il-Morda tal-Parroċċa, organiżżazzjoni tal-Azzjoni Kattolika u tal-Kummissjoni Amministrattiva. Ma' tul din il-ġimgħa, il-membri tal-Għaqdiet iżuru l-morda kollha fid-djar u jtuhom tifkira.

7.00 p.m. Marċ brijuż u tradizzjonali mill-Banda Melita ta' l-Imsida li jibda' minn quddiem il-knisja u jgħaddi minn dawn it-toroq: ix-Xatt ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. D'Andria, D'Argens, Kunċizzjoni, il-Wied u jispiċċa fil-Pjazza 5 t'Ottubru. Mixgħela Ġenerali.

***Waqt il-jiem ta' tħejjija, fil-ħin tal-Quddiesa, ikun hemm il-Qrar għal-kulħadd fis-sagrestija.***

**IS-SIBT, 18 TA' LULJU: LEJLIET IL-FESTA**

***INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Familja***

7.45 a.m. Quddiesa Solenni, Te Deum u Antifona.

5.00 p.m. Ikun hemm konfessuri barranin għall-Qrar.

6.00 p.m. Transulazzjoni Solenni mat-toroq ta' madwar il-Knisja.

6.30 p.m. Quddiesa Pontifikali Konċelebrata mill-Illmu u Revmu Mons. Carmelo Xuereb P.E.P., Vigarju Ġenerali, flimkien mas-saċerdoti Misidjani li jaħdmu barra l-Parroċċa.

7.00 p.m. Marċ mill-Banda Melita ta'l-Imsida li jibda' minn ħdejn l-Għajn tal-Hasselin u jgħaddi minn dawn it-toroq: Kunċizzjoni, il-Wied, Ix-Xatt ta' l-Imsida, Qrajten, Bordin, Misraħ il-Barrieri, il-Baċir u Vjal S. Ġużepp.

9.15 p.m. Programm Vokali u Strumentali mill-istess banda fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.

9.45 p.m. Logħob tan-Nar kbir fi Vjal S. Ġużepp, organizzat mill-Kummissjoni

**IL-HADD, 19 TA' LULJU: JUM IL-FESTA**

*INTENZJONI: Jum ta' talb għall-Misidjani kollha.*

6.00 a.m. Quddiesa minn Dun Ġużepp Mifsud Bonnici B.A., Lic.D., Delegat tal-Arċisqof għall-Parroċċi.
7.00 a.m. Quddiesa minn Patri Anġeliku Busuttil O.CD., Kappillan ta' Ta' Xbiex.
8.00 a.m. Quddiesa minn Patri Ġorġ Frendo O.P., Kapillan ta' Gwardamanġa.
9.00 a.m. Quddiesa Solenni Pontifikali Konċelebrata mill-Illmu u Revmu Mons. Lorenzo Xerri, flimkien mal-kleru tal-Parroċċa. Jinseġ il-Paniġirku Dun Frank Attard.
11.00 a.m. Quddiesa minn Patri Amadeo M. Zammit O.C., Kappillan ta' Fleur-de-Lys.
12.00 a.m. Quddiesa minn Dun Charles Abela, Kappillan ta' Wied il-Għajn.
6.00 p.m. Quddiesa Pontifikali mill-Abbate Benedittin Don Anġelo Mifsud O.S.B.
7.00 p.m. Purċissjoni bl-Istatwa Devota ta' San Ġużepp, immexxija mill-Illmu u Revmu Mons. Lorenzo Xerri.
Wara, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
9.30 a.m. Marċ mill-Banda Melita ta'l-Imsida u jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi min dawn it-toroq: Kunċizzjoni, ix-Xatt ta' Xbiex, Mons. D'Andria, il-Knisja, Antonio Bosio, Magna tas-Serrar, Trejqa D'Argens, S. Alwiġi, Kunċizzjoni, il-Wied, ix-Xatt ta' l-Imsida, il-Baċir, Clarence, Qrajten, Vjal S. Ġużepp għal quddiem il-Knisja.
7.00 p.m. Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq tilqa' il-ħruġ tal-Istatwa bil-kant tal-Innu Popolari u, wara, takkompanja il-Purċissjoni b'marċi ferrieħa.

**TAJJEB LI TKUN TAF:**

Il-kant fil-quddies tat-Tridu jsir mill-Kor Parrokkjali li, flimkien mal-Mużika tal-Festa, jkunu mmexxija mis-Surmast Carmelo Zammit.
In-nar ġie miġbur mis-Sur Emm. Grima.
Il-marċ tal-Hamis ġie miġbur mis-Sur Emm. Grima.
Il-marċ tas-Sibt huwa mtellgħa mill-Organizzaturi tal-Festa (Kummissjoni Amministrattiva, Dilettanti tan-naħa ta' barra u tal-Ursolini) flimkien mal-Kazin tal-Banda Melita.
Il-marc tal-Hadd filgħodu ġie miġbur mid-Dilettanti tan-naħa ta' barra.
***Il-Misidjani kollha huma mħeġġa biex jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.***
Kulħadd għandu jidħol fil-Knisja bi lbies xieraq u, qabel kollox, jagħmel VIŻTA lil Ġesu' Sagramentat. Il-Misidjani kollha, speċjalment l-Għaqdiet u l-Każini, huma mistiedna joffru bukkett jew għotja lill-Istatwa. Iżda mgħandu jkollu fih jew imwaħħal miegħu l-ebda arma jew badge jew distintiv ieħor jew żigarella bl-isem ta' min joffrih. Dan l-isem għandu jinkiteb biss fuq BILJETT apposta li jinkiseb b'xejn mis-sagrestija.
Il-flus mgħotija għax-xema jinġabru f'daqqa u jinxtegħel ***biss*** xema kbir.
Nixtiequ li ma jinxteħtux karti goffi jew fi kwantitajiet kbar fuq l-Istatwa tant għażiża.
***Il-Kummissjoni Amministrattiva żżomm id-dritt li tbiddel mingħajr avviż dak kollu li jkun meħtieġ fil-Programm.***


VISIT
**G.K. MOHNANI**
30 — 31, Republic Street,
Valletta
Tel. 24137

**For the latest Wedding and High-Occasion materials ~~and ready made Wedding Gowns.~~**
**Specialized also in quilted Bedspread, Ladies handmade Shawls – Malta Lace — Malta Souvenirs and E.P.N.S. Ware**

**QUEEN ANNE FURNITURE**
**PROP.**
***Joe Mifsud & Tony Mizzi***
***99, Valley Road, MSIDA***
SETTIJIET TAS-SODDA, TAL-PRANZU, SALOTTI, SIĠĠIJIET U KITCHEN CUPBOARDS

## OPRI ĠODDA 1981
### FIL-KNISJA

1. Il-Kummissjoni Amministrattiva għamlet standard ġdid ta' S. Ġużepp.
2. It-Terzjarji Karmelitani offrew terħa tal-bellus għall-artal tal-Karmnu.
3. Is-Sinjura Emm. Zammit offriet pissidi u żewġ plattini tat-tqarbin.
4. Saret pjaneta gotika ħamra.
5. Saru sett torċi għall-funzjonijiet ta' matul is-sena.
6. Ġew restawrati xi opri antiki b'xogħol ta' rakkmu tad-deheb.
7. Diversi benefatturi għenu biex titkompla l-iskutura ta' taħt in-navi.

### IX-XOGHOL FIL-KOPPLA

Ix-xogħol fil-Koppla miexi ġmielu. Sar il-kuntratt quddiem in-Nutar Joe Brincat ta'l-Imsida mal-pittur RAYMOND PITRÉ, li diġa' beda' x-xogħol tal-pittura. Ix-xogħol taż-żebgħa kważi lest u dalwaqt jinbidlu t-twieqi li fadal. Nirringrazzjaw bil-qalb lill-benefatturi u lill-Misidjani kollha. Ħajr speċjali lis-Sur Carmelo Sciberras li jgħin fil-ġbir u jagħmel xogħol ieħor ta' fejda fil-Knisja.

### GHALL-FESTA TA' BARRA

1. Il-Kumm. Amm. għamlet sett bandieri tat-trofej.
2. Id-dilettanti Naħa ta' Barra għamlu sett ta' żewġ kolonni bit-trofej għal ħdejn l-istatwa tal-Papa u erba' anġli għal fuq iz-zuntier.
3. Flimkien mall-Kumm. Amm. huma rrestawraw parti kbira mill-armar ta' madwar il-knisja.
4. Id-dilettanti Naħa tal-Ursolini għamlu sett pavaljuni.

## KUMITAT TAD-DILETTANTI

### Naħa ta' Barra

President: Charles Sghendo
Alfred Cauchi, Raymond Zammit, Christopher Hili, Joe Tedesco, Franz Fenech u George Sammut

### Naħa tal-Ursolini

President: Anthony Tabone
Alfred Borg, Ċensu Attard, Carmelo Tabone, Charles Tabone, u Deo Cassar.




WITH THE TRADE FAIR COMING UP
OUR PRICES HAVE GONE DOWN .....
SPECIAL TRADE FAIR DISCOUNT

*Siemens Refrigerators and Freezers*

MADE IN GERMANY

**APLAN LIMITED**

*Offices:*
First Floor, 33, Msida Seafront, Msida.
Tel: 38434/36556.

*Showrooms:*
34, Msida Sea Front, Msida. Tel: 38434.
Testaferrata Street, Msida, Tel: 36556.
73, St. Paul Street, Cospicua. Tel: 824535.
*and* Dealers throughout Malta and Gozo.

THIS OFFER IS VALID UP TO JULY 31, 1981.

# Għad-dar moderna Għamara

# INVICTA

- Kmamar tas-sodda
- Kmamar tal-ikel
- Salotti
- Imwejjed u siġġijiet
- Spare bedrooms
- Cupboards tal-kċejjen

***Jagħmlu wkoll:***

SIĠĠIJIET TAT-TFAL
STEP-STOOLS,
BABY COTS,
SLIELEM FORĊI
IRONING BOARDS,
SHOPPING CARRIERS
BABY HIGH CHAIRS

Uffiċċju u Workshop:

## Misraħ il-Barrieri — MSIDA

***Showrooms:***

MARINA STR., — PIETA
THE STRAND — SLIEMA
VALLETTA ROAD — MOSTA
PAOLA SQUARE — PAOLA

**TELEPHONES: 606440 — 605593**

## INVICTA l-aqwa għamara Maltija